MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 1131/2011

**Charles Bartolo**

**vs**

**Emanuel Cachia**

Permezz ta’ rikors prezentat fis-16 ta’ Novembru 2011 ir-rikorrent talab li l-qorti terga’ taghmel ezegwibbli t-titolu ezekuttiv li ghandu fil-konfront ta’ Cachia ghas-somma ta’ tletin elf sitt mija u tnejn u sittin ewro u erbgha u tletin centezmu (€30,662.34) ammont kanonizzat permezz ta’ ittra ufficjali prezentata fit-30 ta ;’ Novembru 2007 skond l-Artikolu 166A tal-Kap. 12. Permezz ta’ dak l-att gudizzjarju r-rikorrent interpella lill-intimat sabiex ihallas is-somma ta’ Lm9831 bhala bilanc dovut ta’ self moghti skond skrittura datata 25 ta’ Awissu 2004. Jirrizulta li l-intimat ma oggezzjonax fit-terminu kontemplat mil-ligi, u skond l-annotazzjoni tar-Registratur tal-Qorti l-ittra ufficjali saret titolu ezekuttiv fit-22 ta’ Jannar 2008.

L-intimat wiegeb li m'huwiex debitur tar-rikorrent.
Peress li ghaddew iktar minn tliet snin mid-data tat-titolu ezekuttiv, ir-rikorrent ghamel din il-procedura sabiex jerga' jirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv li ghandu.
Mill-atti jirrizulta li t-talba tar-rikorrent hi gustifikata gialadarba ma tressqux provi in sostenn tat-tezi tal-intimat.
**Ghal dawn il-motivi l-qorti tilqa' t-talba u terga tirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv li r-rikorrent ghandu fil-konfront tal-intimat permezz tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Novembru 2007 li giet prezentata a termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12.**
**Spejjez a karigu tal-intimat**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------